# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 707/2007

## tal-21 ta' Ġunju 2007

## li jiftaħ sejħa għal offerti għall-bejgħ ta' l-alkoħol magħmul mill-inbid, bl-għan li jintuża fil-forma ta' bijoetanol fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]), u partikolarment l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, jistipula, fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq ([2]), regoli dettaljati li japplikaw għad-distribuzzjoni tal-ħażniet ta' l-alkoħol, magħmul skond proċessi ta' distillazzjoni regolati bl-Artikoli 35, 36 u 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([3]), u bl-Artikoli 27, 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, u miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.

(2) Jeħtieġ, li skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, issir sejħa għal offerti għall-alkoħol magħmul mill-inbid, bl-għan li jintuża esklussivament fis-settur tal-karburanti fil-forma ta' bijoetanol fil-Komunità, biex jitnaqqsu l-ħażniet ta' l-alkoħol magħmul mill-inbid fil-Komunità u sabiex tkun żgurata l-kontinwità fil-provvista, għall-impriżi awtorizzati skond ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

(3) Mill-1 ta' Jannar 1999, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998, li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ([4]), il-prezzijiet għall-offerti u l-garanziji u l-ħlasijiet għandhom isiru fil-munita euro.

(4) Il-miżuri f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Permezz tal-preżenti qed issir sejħa għal offerti, Nru 10/2007 KE għall-bejgħ ta' alkoħol magħmul mill-inbid, bl-għan li jintuża fil-forma ta' bijoetanol fil-Komunità.

L-alkoħol huwa prodott permezz tad-distallazzjonijiet regolati bl-Artikoli 27, 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u huwa miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent ta' l-Istati Membri.

2. Il-volum totali offrut għall-bejgħ huwa ta' 693 375,74 ettolitri ta' alkoħol, ta' volum ta' 100 %, maqsum kif ġej:

a) lott innumerat 109/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

b) lott innumerat 110/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

c) lott innumerat 111/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

d) lott innumerat 112/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

e) lott innumerat 113/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

f) lott innumerat 114/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

g) lott innumerat 115/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

h) lott innumerat 116/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

i) lott innumerat 117/2007 KE tal-kwantità ta' 39 995 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

j) lott innumerat 118/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

([1]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2016/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 38).
([3]) ĠU L 84, 27.3.1987, p. 1. Ir-Regolament kif abrogat bir-Regolament (KE) Nru 1493/1999.
([4]) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

k) lott innumerat 119/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

l) lott innumerat 120/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

m) lott innumerat 121/2007 KE tal-kwantità ta' 50 000 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

n) lott innumerat 122/2007 KE tal-kwantità ta' 53 380,74 ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %.

3. Il-post u r-referenzi tat-tankijiet li jikkostitwixxu l-lottijiet, il-volum ta' l-alkoħol f'kull wieħed mit-tankijiet, it-titolu alkometriku u l-karatteristiċi ta' l-alkoħol jidhru fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

4. Huma biss l-kumpaniji awtorizzati skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li jistgħu jieħdu sehem fis-sejħa għal offerti.

*Artikolu 2*

Il-bejgħ għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 93, 94, 94(b), 94(c), 94(d), 95 sa 98, 100 u 101 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 u ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98.

*Artikolu 3*

1. L-offerti għandhom isiru lill-aġenziji ta' l-intervent, responsabbli għaż-żamma ta' l-alkoħol, li jidhru fl-Anness II, jew għandhom jintbagħtu fl-indirizz ta' dawn l-aġenziji ta' l-intervent permezz ta' ittra reġistrata.

2. L-offerti jitpoġġew f'envelopp issiġillat li fuqu jkollu miktub "Sottomissjonijiet-sejħa għalofferti għall-bejgħ ta' l-alkoħol magħmul mill-inbid, bl-għan li jintuża fil-forma ta' bijoetanol fil-Komunità, Nru 10/2007 KE", li jitpoġġa f'envelopp indirizzat lill-aġenzija ta' l-intervent ikkonċernata.

3. L-offerti għandhom jaslu lill-aġenzija ta' l-intervent ikkonċernata sa mhux aktar tard mill-5 ta' Lulju 2007, f'12:00 (ħin ta' Brussell).

*Artikolu 4*

1. Biex tkun valida, l-offerta għandha tkun skond l-Artikoli 94 sa 97 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

2. Biex tkun valida, l-offerta irid ikollha magħha, meta titressaq:

a) prova tal-garanzija maħruġa favur l-aġenzija ta' l-intervent ikkonċernata, li tkun qed iżżomm l-alkoħol, ta' EUR 4 għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

b) l-isem u l-indirizz ta' min qed iressaq l-offerta, ir-referenza ta' l-avviż tas-sejħa għal offerti, il-prezz propost, f'EUR għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' volum ta' 100 %;

c) dikjarazzjoni li l-persuna li qed tressaq l-offerta tintrabat li tosserva d-dispożizzjonijiet dwar is-sejħa għal offerti kkonċernata;

d) dikjarazzjoni ta' min qed iressaq l-offerta li permezz tagħha:

i) jirrinunċja għad-drittijiet tiegħu relatati mal-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott, kemm-il darba dan jiġi konċess lilu;

ii) jaċċetta li jissuġġetta ruħu għal kull kontroll dwar id-destinazzjoni u l-użu ta' l-alkoħol;

iii) jaċċetta l-oneru tal-prova dwar l-użu ta' l-alkoħol, skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-opinjoni tas-sejħa għat-talba kkonċernata.

*Artikolu 5*

Il-komunikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 94(a) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, li jikkonċernaw is-sejħa għal offerti miftuħa b'dan ir-Regolament, huma trażmessi lill-Kummissjoini fl-indirizz li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

Il-formalitajiet dwar it-teħid ta' kampjuni huma definiti fl-Artikolu 98 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

L-aġenzija ta' l-intervent għandha tipprovdi kull informazzjoni utli dwar il-karatteristiċi tat-tipi ta' l-alkoħol offruti għall-bejgħ.

Kull min huwa interessat jista' jakkwista kampjuni ta' l-alkoħol offruti għall-bejgħ, meħuda minn rappreżentant ta' l-aġenzija ta' l-intervent kkonċernata, billi jmur għand l-aġenzija ta' l-intervent.

*Artikolu 7*

1. L-aġenziji ta' l-intervent ta' l-Istati Membri fejn jinżamm l-alkoħol, għandhom iwettqu kontrolli sabiex ikunu ċerti minnatura ta' l-alkoħol għall-użu finali tiegħu. Għal dan il-għan, huma jistgħu:

a) jirrikorru, *mutatis mutandis*, għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 102 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000;

b) jipproċedu għal kontroll permezz ta' kampjuni, bl-għajnuna ta' l-analiżi permezz tar-reżonanza manjetika nukleari, biex jivverifikaw in-natura ta' l-alkoħol għall-użu finali.

2. L-ispejjeż għall-kontroll stabbilti fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-impriżi li lilhom jinbiegħ l-alkoħol.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta’ Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

| Stat Membru u numru tal-lott | Post | Numru tat-tankijiet | Volum f'ettolitri ta' alkohol ta' volum ta' 100 % | Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 (artikoli) | Tip ta' alkohol |
|---|---|---|---|---|---|
| Spanja<br>Lott Nru 109/2007 KE | Tarancón | B-4 | 17 271 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-5 | 8 667 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-6 | 24 062 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Spanja<br>Lott Nru 110/2007 KE | Tarancón | A-5 | 24 837 | 27 | Mhux raffinat |
| | | A-9 | 9 594 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-4 | 7 569 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-5 | 8 000 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Spanja<br>Lott Nru 111/2007 KE | Tarancón | A-9 | 14 771 | 27 | Mhux raffinat |
| | | A-10 | 24 457 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-5 | 8 000 | 27 | Mhux raffinat |
| | | B-1 | 2 772 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Spanja<br>Lott Nru 112/2007 KE | Tarancón | A-6 | 24 823 | 30 | Mhux raffinat |
| | | C-7 | 24 883 | 30 | Mhux raffinat |
| | | C-8 | 294 | 30 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Franza<br>Lott Nru 113/2007 KE | Viniflhor — Longuefuye<br>Mme Bretaudeau<br>F-53200 Longuefuye | 4 | 22 550 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 5 | 6 385 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 21 | 4 645 | 28 | Mhux raffinat |
| | | 5BIS | 16 420 | 28 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Franza<br>Lott Nru 114/2007 KE | Viniflhor — Longuefuye<br>Mme Bretaudeau<br>F-53200 Longuefuye | 6 | 22 915 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 22 | 4 600 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 9 | 22 485 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Franza<br>Lott Nru 115/2007 KE | Viniflhor — Port-la-Nouvelle<br>M. Mortefon<br>Entrepôt d'alcool<br>Av. Adolphe-Turrel<br>BP 62<br>F-11210 Port-la-Nouvelle | 2 | 25 715 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 23 | 1 870 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 2B | 13 345 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 2B | 7 990 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 2B | 1 080 | 28 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Franza<br>Lott Nru 116/2007 KE | Viniflhor — Port-la-Nouvelle<br>M. Mortefon<br>Entrepôt d'alcool<br>Av. Adolphe-Turrel<br>BP 62<br>F-11210 Port-la-Nouvelle | 7 | 11 710 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 5B | 2 360 | 28 | Mhux raffinat |
| | | 7B | 640 | 28 | Mhux raffinat |
| | | 7B | 2 200 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 23B | 1 895 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 7B | 7 790 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 5B | 2 645 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 5B | 1 525 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 23 | 3 985 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 5 | 15 250 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |

| Stat Membru u numru tal-lott | Post | Numru tat-tankijiet | Volum f'ettolitri ta' alkohol ta' volum ta' 100 % | Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 (artikoli) | Tip ta' alkohol |
|---|---|---|---|---|---|
| Franza<br>Lott Nru 117/2007 KE | DEULEP — PSL<br>F-13230 Port-Saint-Louis-du-Rhône | B2 | 39 995 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 39 995 | | |
| L-Italja<br>Lott Nru 118/2007 KE | Cipriani — Chizzola d'Ala (TN) | 27a-21a-25a | 6 500 | 27 | Mhux raffinat |
| | Dister — Faenza (RA) | 127a | 4 700 | 27 | Mhux raffinat |
| | I.C.V. — Borgoricco (PD) | 6a | 2 200 | 27 | Mhux raffinat |
| | Mazzari — S. Agata sul Santerno (RA) | 4a-15a | 27 800 | 30 | Mhux raffinat |
| | Tampieri — Faenza (RA) | 6a-7a-16a | 1 500 | 27 | Mhux raffinat |
| | Villapana — Faenza (RA) | 4a-2a-10a | 7 300 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| L-Italja<br>Lott Nru 119/2007 KE | Bonollo — Paduni (FR) | 35a-37a-39a | 9 900 | 27/30 | Mhux raffinat |
| | D'Auria — Ortona (CH) | 22a-62a-76a-66a-80a-81a | 10 900 | 27 | Mhux raffinat |
| | Di Lorenzo-Ponte Valleceppi (PG) — Pontenuovo di Torgiano (PG) | 19a-5b-6b-7b | 19 000 | 27/30 | Mhux raffinat |
| | S.V.A. — Ortona (CH) | 19a | 1 900 | 30 | Mhux raffinat |
| | Balice S.n.c. — Valenzano (BA) | 1a-13a-14a-15a-16a-45a | 8 300 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| L-Italja<br>Lott Nru 120/2007 KE | Bonollo — Paduni (FR) | 35a-37a-39a | 24 800 | 27/30 | Mhux raffinat |
| | Caviro — Faenza (RA) | 15a-6a-8a-5a | 22 800 | 27 | Mhux raffinat |
| | Deta — Barberino Val d'Elsa (FI) | 7a | 2 400 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| L-Italja<br>Lott Nru 121/2007 KE | De Luca — Novoli (LE) | 1a-8a-9a | 3 400 | 27 | Mhux raffinat |
| | Bertolino — Partinico (PA) | 24a-27a | 25 000 | 30 | Mhux raffinat |
| | Balice Distill. — San Basilio Mottola (TA) | 4a | 3 400 | 27 | Mhux raffinat |
| | S.V.M. — Sciacca (AG) | 2a-3a-4a-8a-21a-30a-35a-36a-37 | 4 200 | 27/30 | Mhux raffinat |
| | GE.DIS. — Marsala (TP) | 14b | 12 000 | 30 | Mhux raffinat |
| | Trapas — Petrosino (TP) | 7a | 2 000 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 50 000 | | |
| Il-Greċja<br>Lott Nru 108/2007 KE | Οινοποιητικός συνεταιρισμός Μεσσηνίας<br>Πύργος Τριφυλίας<br>(Oinopoiitikos Sinetairismos Messinias) | 76 | 454,96 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 77 | 432,94 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 85 | 1 782,89 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 86 | 1 684,51 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 87 | 1 756,59 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 88 | 1 753,86 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 95 | 873,44 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 75 | 444,79 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 28 | 904,89 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 80 | 463,46 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 73 | 387,14 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 78 | 27,72 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 15 | 1 747,04 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 16 | 1 713,67 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 26 | 853,18 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 74 | 427,35 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 17 | 1 743,76 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 94 | 887,65 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 84 | 1 786,52 | 30 | Mhux raffinat |

| Stat Membru u numru tal-lott | Post | Numru tat-tankijiet | Volum f'ettolitri ta' alkohol ta' volum ta' 100 % | Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 (artikoli) | Tip ta' alkohol |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 79 | 439,47 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 93 | 908,63 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 83 | 1 795,78 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 82 | 1 758,86 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 12 | 1 800,87 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 11 | 1 744,16 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 18 | 1 707,83 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 13 | 1 788,73 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 96 | 827,49 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 81 | 1 805,07 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 14 | 1 800,04 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 97 | 915,07 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 92 | 908,96 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 99 | 911,94 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 25 | 905,06 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 108 | 432,18 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 107 | 432,77 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 105 | 448,22 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 106 | 441,22 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 27 | 897,73 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 29 | 579,19 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 30 | 667,69 | 30 | Mhux raffinat |
| | | 19 | 901,65 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 20 | 892,07 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 21 | 900,28 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 22 | 899,54 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 23 | 882,32 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 24 | 653,58 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 89 | 847,09 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 90 | 880,83 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 91 | 856,22 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 98 | 878,23 | 27 | Mhux raffinat |
| | | 100 | 745,61 | 27 | Mhux raffinat |
| | Total | | 53 380,74 | | |

*ANNESS II*

**Aġenziji ta' l-intervent li jżommu l-alkohol stipulati fl-artikolu 3**

| | |
|---|---|
| Viniflhor — Libourne | Delegazzjoni nazzjonali, 17 avenue de la Ballastière, BP 231, F-33505 Libourne Cedex [Tel. (33-5) 57 55 20 00; telex 57 20 25; feks (33) 557 55 20 59] |
| FEGA | Beneficencia, 8, E-28004 Madrid [Tel. (34-91) 347 64 66; feks (34) -91 347 64 65] |
| AGEA | Via Torino, 45, I-00184 Ruma [Tel. (39) 06 49 49 97 14; feks (39-06) 49 49 97 61] |
| Ο.Π.Ε.Κ.Ε.Π.Ε. | Αχαρνών (Aharnon) 241, 10446 Athènes, Grèce (Tel. 210 212 4799; feks 210 212 4791) |

*ANNESS III*

**Indirizz stipulat fl-artikolu 5**

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Unità D-2

B-1049 Brussell

Faks (32-2) 292 17 75

Posta elettronika: agri-market-tenders@ec.europa.eu